MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 17/2005/1

Rikors Nru: 17/2005

Tabib Dr Richard Manche' u l-Ispizjar Reginald Fava ghan-nom u in rapprezentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja

vs

Franco Borg u Paul Borg

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Frar 2005 fejn esponew:

1. Illi l-intimati (li huma kugini paterni) indivizament wirtu l-kirjiet tal-istore 138/139 u tal-hanut 141 East Street, Valletta, rispettivament soggetti ghall-kera ta' Lm30.75 u Lm20 fis-sena;

2. Illi l-ahhar li thallset il-kera ta’ dawn il-fondi kummercjali miz-ziju patern tal-intimati kien fil-1986 u fil-frattemp il-fondi nzammew dejjem maghluqa u sdingati u bhala rizultat saritilhom hsara konsiderevoli minhabba nuqqas komplet ta’ manutenzjoni minn barra u minn gewwa u nuqqas ta’ uzu ghall-iskop li ghalih inkrew;

3. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, joghgbu (a) jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta’ dawn iz-zewg fondi u (b) jikkundanna lill-intimati jizgumbraw mill-istess fondi f’terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss mill-istess Bord. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fit-28 ta’ Lulju 2005 fejn esponew:

1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi precedentement l-atturi diga’ pprocedew b’kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba taghhom.

3. Illi effettivament l-intimat Paul Borg huwa t-tifel tal-kerrej originali li ghandu armla u ghalhekk ir-rikors sar hazin, u l-gudizzju mhux integru.

Ra l-atti ta’ l-avviz numru 226/02JAB u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Novembru 2004 (hawn kollox mehmuz)
Ra d-digriet tieghu tat-3 ta’ Novembru li bih gew imsejjha fil-kawza Antonia Borg, Phyllis Schembri u Joseph Borg.
Ra li l-imsejjha fil-kawza taw ruhhom b’notifikati u taw l-istess eccezzjonijiet.
Ikkunsidra:

1. Din il-kawza bdiet bil-prezentata tar-rikors fit-8 ta’ Frar 2005. Kellhom isiru l-proceduri kollha biex l-intimati gew notifikati u hafna affarijiet setghu jigu msewwija bil-kooperazzjoni bejn l-avukati.

2. Dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati kollha:
“l-intimat Paul Borg huwa t-tifel tal-kerrej originali li ghandu armla u ghalhekk ir-rikors sar hazin, u l-gudizzju mhux integru”

3. Din l-eccezzjoni waqghet meta l-partijiet ftehmu fuq is-sejha in kawza tal-persuni imsejjha fil-kawza inkluza Antonia Borg u kollha taw ruhhom b’notifikati u mxew ma’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati ewlenin Franco Borg u Paul Borg.

4. Il-Bord ma jifhimx l-kwistjoni li qamet dwar l-indirizzi ta’ l-imsejjha mill-kawza imma m’ghandux ghax jahseb li qed jinghataw indirizzi foloz.

5. Dan fuq permess tal-Bord jiddifferixxi r-rikors ghas-7 ta’ Dicembru 2006 fid-9:00a.m. u jittama li bl-ghajnuna ta’ l-avukati l-proceduri jithaffu u ma jsirx aktar tfettiq.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------